KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 17.10.2007
KUMM(2007)618 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA 2000/53/KE DWAR VETTURI LI MA GĦADHOMX JINTUŻAW

GĦALL-PERJODU 2002-2005

[SEC(2007)1348]

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA 2000/53/KE DWAR VETTURI LI MA GĦADHOMX JINTUŻAW

GĦALL-PERJODU 2002-2005

1. INTRODUZZJONI

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jgħarraf lill-istituzzjonijiet Komunitarji l-oħra, lill-Istati Membri u lill-pubbliku, dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/53/KE dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw[1] għall-perjodu bejn il-21 ta' April 2002 u l-21 ta' April 2005 (jew, bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-21 ta' April 2005, għall-Istati Membri li ngħaqdu mal-Komunità Ewropea wara l-1 ta' Mejju 2004).

Ir-rapport tfassal abbażi ta' kwestjonarju dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/753/KE[2], b'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE[3]. Huwa bbażat fuq informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri u huwa akkumpanjat minn dokument ta' ħidma ta' l-istaff tal-Kummissjoni li jagħti aktar dettalji dwar l-informazzjoni u d-dejta li waslet mingħandhom.

L-Istati Membri kollha għaddew lill-Kummissjoni d-dejta dwar l-implimentazzjoni nazzjonali li tirrigwarda l-inkorporazzjoni tad-Direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Għalkemm jidher li din l-inkorporazzjoni hija sodisfaċenti, għall-għaxar Stati Membri ġodda li ngħaqdu mal-Komunità fl-1 ta' Mejju 2004, il-kontroll tal-konformità tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għadu għaddej, u dan jista' jqajjem kwistjonijiet ġodda dwar nuqqas ta' konformità.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tad-dispożizzjonijiet legali, peress li ftit biss mill-Istati Membri taw it-tagħrif speċifikat fil-parti 2 tal-kwestjonarju (li għandu jingħata skond ma jkun disponibbli, u b'ħarsien tal-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali), mhux faċli li, abbażi ta' dawn ir-rapporti nazzjonali, jinkiseb rendikont preċiż tal-funzjonament tad-Direttiva fl-Istati Membri. Barra minn hekk, qabel ma l-Istati Membri jirrapportaw dwar il-miri għall-użu mill-ġdid/irkupru u għall-irkupru/riċiklaġġ li jirnexxilhom jilħqu, ma tistax tinkiseb stampa ċara tal-qagħda attwali f'dak li għandu x'jaqsam mar-riċiklaġġ u l-irkupru ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Dawn ir-rapporti, obbligatorji u bid-dejta għall-2006, għandhom isiru skond ir-regoli stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/293/KE[4] u jintbagħtu lill-Kummissjoni fi żmien 18-il xahar minn tmiem is-sena rilevanti, i.e. sat-30 ta' Ġunju 2008.

---

1 ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34.
2 ĠU L 282, 26.10.2001, p. 77.
3 ĠU L 377, 23.12.1991, p. 48.
4 ĠU L 94, 12.4.2005, p. 30.

2. ID-DIRETTIVA 2000/53/KE DWAR IL-VETTURI LI MA GĦADHOMX JINTUŻAW

Id-Direttiva 2000/53/KE tispeċifika rekwiżiti speċifiċi għall-ġestjoni tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw. L-għan ewlieni tagħha huwa l-prevenzjoni ta' skart mill-vetturi u, barra minn hekk, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u forom oħra ta' rkupru ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u tal-komponenti tagħhom, biex jonqos ir-rimi ta' skart. Id-Direttiva għandha wkoll l-għan li ttejjeb il-prestazzjoni ambjentali ta' l-operaturi ekonomiċi kollha li huma involuti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-vetturi u speċjalment, ta' l-operaturi li huma involuti direttament fit-trattament tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw.

L-Istati Membri kollha taw, lill-Kummissjoni, id-dettalji tal-**liġijiet, regolamenti u disposizzonijiet amministrattivi** li huma adottaw sabiex jikkonformaw mad-Direttiva. Bħalissa, għaddejjin **proċeduri ta' ksur** differenti kontra 5 Stati Membri (il-Belġju, Franza, l-Italja, il-Portugall u r-Renju Unit).

Kważi l-Istati Membri kollha ma **eżentawx il-vetturi li jiġu prodotti f'ammonti żgħar** mill-obbligi tar-rekwiżiti ta' ħatt, irkupru u riċiklaġġ, mill-konformità ma' l-istandards ta' kodifikazzjoni u tagħrif dwar il-ħatt, u mir-rekwiżiti ta' preżentazzjoni ta' rapporti u informazzjoni. Din l-eżenzjoni ingħatat biss mill-Irlanda, il-Litwanja u r-Renju Unit.

Ħafna mill-Istati Membri adottaw diversi **miżuri ta' prevenzjoni** bl-għan li jillimitaw l-użu ta' sustanzi perikoluż fil-vetturi u biex ma jitħalliex isir rilaxx ta' dawn is-sustanzi fl-ambjent, kif ukoll biex jiffaċilitaw il-ħatt, l-użu mill-ġdid, l-irkupru u r-riċiklaġġ ta' vetturi u li jiġu integrati aktar materjali riċiklati fil-vetturi u prodotti oħrajn. Xi Stati Membri li għandhom industrija nazzjonali tal-vetturi (bħal Franza u l-Ġermanja), jinkoraġġixxu t-tibdil fid-disinn tal-vetturi billi jimponu obbligi legali u rekwiżiti ta' informazzjoni fuq il-manifatturi. Pajjiżi oħra jiffokaw fuq id-disinn ta' l-i*spare parts* jew fuq ir-restrizzjoni ta' ċerti sustanzi. Il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Malta u l-Portugall adottaw miżuri ġodda li għandhom l-għan li jinkoraġġixxu l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru ta' komponenti tal-vetturi, fosthom, kampanji ta' promozzjoni, linji ta' gwida tekniċi, għajnuna finanzjarja għall-R&D (riċerka u żvilupp) u għall-innovazzjoni, u proċeduri ta' awtorizzazzjoni.

L-Istati Membri kollha adottaw leġiżlazzjoni li **tillimita l-użu ta' ċomb, merkurju, kadmju u kromju eżavalenti** fil-vetturi u fil-komponenti tagħhom, kif ukoll listi dettaljati ta' eżenzjonijiet minn din il-projbizzjoni ta' metalli tqal (i.e. ta' densità għolja) li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, huma traspożizzjoni letterali tat-test ta' l-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE.

Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri kkomunikaw li adottaw miżuri bl-għan li jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jistabbilixxu **sistemi għall-ġbir tal-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw** u, sakemm ikun teknikament vijabbli, tal-parts użati li meta jitneħħew waqt it-tiswija ta' vetturi tal-passiġġieri jsiru skart, kif ukoll li jkun hemm biżżejjed faċilitajiet ta' kollezzjoni ta' skart fit-territorju nazzjonali tagħhom. In-numru ta' faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jvarja bejn 0 f'Malta u aktar minn 1,500 fl-Italja, li jindika diskrepanza kbira f'termini ta' kapaċità ta' trattament fost id-diversi Stati Membri.

Fir-rigward tar-**responsabbiltà organizzattiva għat-twaqqif ta' netwerk ta' kollezzjoni**, xi Stati Membri għaddew din ir-responsabbiltà lill-operaturi ekonomiċi (Ċipru), filwaqt li oħrajn imponew din ir-responsabbiltà fuq il-manifatturi u importaturi tal-vetturi (l-Awstrija, Spanja, il-Finlandja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja u l-Olanda). Ħafna mill-Istati Membri jispeċifikaw il-kopertura ġeografika li għandu jkollhom l-operaturi ekonomiċi, li jew tkun marbuta mad-densità tal-popolazzjoni (fl-Irlanda) jew mad-distanza ġeografika (pereżempju,

f'raġġ ta' 50km fl-Ungerija, fil-Litwanja u fis-Slovenja). Fil-Latvja u l-Portugall hija prevista l-possibbiltà li jiġi inkorporat netwerk immexxi minn entità indipendenti, iżda jkun meħtieġ li l-manifatturi u importaturi tal-vetturi juru prova li huma assoċjati ma' netwerk ta' dan it-tip. Fis-Slovenja, il-faċilitajiet ta' kollezzjoni huma obbligati li jiggarantixxu kopertura suffiċjenti. F'xi Stati Membri, joperaw żewġ sistemi fl-istess ħin: dik ta' faċilitajiet ikkuntrattati mal-produtturi, u dik ta' faċilitajiet indipendenti (fl-Irlanda u fir-Renju Unit).

Fil-leġiżlazzjoni tagħhom, l-Istati Membri kollha daħħlu miżuri bl-għan li jiżguraw li **l-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw jiġu trasferiti lill-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati.** Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawn id-dispożizzjonijiet jobbligaw lill-faċilitajiet ikkonċernati li jiksbu liċenzja għall-kollezzjoni u t-trattament u jobbligaw lill-aħħar proprjetarju tal-vettura li ma għadhiex tintuża li jiddisponi mill-vettura f'siti ta' kollezzjoni liċenzjati biss. Ħafna mill-Istati Membri jippermettu lil aġenti jew manifatturi li jirċievu vetturi biex wara jittrasferuhom lill-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati. Fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri, huwa mejqus bħala delitt li wieħed jabbunduna l-vettura minflok ma jeħodha f'faċilità ta' trattament awtorizzata, jew li wieħed jiġbor u jitratta vetturi mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa.

L-Istati Membri kollha rrapportaw li stabbilixxew **sistema ta' tneħħija tar-reġistrazzjoni** li torbot din it-tneħħija ta' reġistrazzjoni ta' vetturi mal-ħruġ ta' ċertifikat ta' distruzzjoni tal-vettura minn faċilità ta' trattament awtorizzata. F'għadd żgħir ħafna ta' Stati Membri, kienet prevista il-possibbiltà ta' ħruġ ta' ċertifikati għad-distruzzjoni mill-produtturi, aġenti u kolletturi, f'isem il-faċilità ta' trattament awtorizzata. Fl-Istati Membri kollha, ittieħdu miżuri li jiżguraw it-trasferiment ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw lill-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati.

L-Istati Membri kollha kkomunikaw li implimentaw dispożizzjonijiet ta' **ġbir bla ħlas**, li bihom, l-aħħar proprjetarju tal-vettura li ma għadhiex tintuża ma għandu jħallas xejn għall-ġbir tagħha, kif jitlob il-prinċipju ta' **responsabbiltà tal-produttur**. F'ħafna mill-każijiet, il-vetturi jiġu aċċettati, sakemm ma jkunux nieqsa minn komponenti essenzjali nnumerati fil-leġiżlazzjoni jew ikun fihom skart addizzjonali. Vettura titqies li jkollha valur negattiv meta l-ispejjeż għall-ġestjoni tagħha jkunu ogħla mid-dħul tal-materjali rkuprati minnha. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ir-responsabbiltà tal-produttur tibda minn dan il-ħin; madankollu, minħabba l-prezzijiet attwali tal-materjali, ftit ġew rapportati aċċettazzjonijiet ta' vetturi b'valur negattiv.

Ħafna mill-Istati Membri jipprevedu għal **rikonoxximent reċiproku tac-ċertifikati ta' distruzzjoni** li jinħarġu fi Stat Membru ieħor.

Fl-Istati Membri kollha, l-istabbilimenti li għandhom il-ħsieb li jwettqu operazzjonijiet ta' trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw għandhom jiksbu **permess** jew jiġu reġistrati ma' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-awtoritajiet reġjunali huma responsabbli għall-infurzar ta' l-obbligi, relatati mal-permessi, speċifikati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali: dawn l-awtoritajiet joħorġu permessi u jimmonitorjaw il-faċilitajiet ta' trattament fir-reġjuni amministrattivi rispettivi tagħhom. Iż-żmien li fih trid issir l-eliminazzjoni tat-tniġġis ivarja bejn 24 siegħa (Slovenja) u 3 xhur (Litwanja).

Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri kkomunikaw li qed jiżdied l-**użu tas-sistema EMAS jew tas-sistema ISO**. L-Istati Membri qegħdin joffru għadd ta' inċentivi lill-kumpaniji biex jużaw dawn is-sistemi, li kważi dejjem huma volontarji. F'ħafna Stati Membri, qiegħed dejjem jinfirex aktar l-użu ta' sistemi ta' ġestjoni ta' l-ambjent iċċertifikati.

L-Istati Membri kollha rrapportaw li adottaw miżuri konsistenti mal-**ġerarkija ta' skart** preskritta fid-Direttiva li tippromwovi l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru ta' komponenti tal-vetturi, bir-rimi bħala l-aħħar rikors. Primarjament, l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkupru jiġu żgurati permezz ta' miżuri li jkollhom l-għan li jiggarantixxu l-ħatt, il-ħażna u t-trattament xierqa tal-parts u materjali li jkunu jistgħu jieħdu dan it-tip ta' trattament. Element importanti tas-sistemi kollha huwa l-**eliminazzjoni tat-tniġġis** ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Miżuri oħrajn jinkludu dawk għall-ħolqien ta' **swieq għall-prodotti riċiklati**, inkluż id-definizzjoni ta' miri għall-kontenut riċiklat fi prodotti ġodda. F'ħafna Stati Membri, hemm disponibbli **skemi ta' finanzjament** ukoll, li għandhom l-għan li jippromwovu għażliet ta' trattament li jagħmel inqas ħsara lill-ambjent.

L-Istati Membri kollha kkonfermaw li fil-leġiżlazzjoni tagħhom, introduċew **miri** għall-użu mill-ġdid/irkupru u għall-użu mill-ġdid/riċiklaġġ. F'ħafna mill-każijiet, il-miri nazzjonali jagħmlu traspożizzjoni letterali tad-Direttiva, għajr għall-Olanda, li kellha tilħaq il-miri tagħha (95% għall-użu mill-ġdid/irkupru u 85% għall-użu mill-ġdid/riċiklaġġ) sa l-2007 (data li bħalissa qed tiġi riveduta). Il-partijiet responsabbli għall-ilħiq tal-miri jinkludu l-produtturi flimkien ma' l-operaturi ekonomiċi (il-Finlandja, l-Ungerija), l-operaturi ekonomiċi (Ċipru, l-Italja, Malta), il-produtturi u importaturi (il-Litwanja, l-Olanda), il-fornituri ta' servizzi pubbliċi (is-Slovenja) u l-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati (l-Irlanda). Ir-Repubblika Ċeka, Spanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, l-Islovakkja u r-Renju Unit stabbilixxew rati aktar baxxi għall-użu mill-ġdid, riċiklaġġ u rkupru għall-vetturi manifatturati qabel l-1 ta' Jannar 1980, li f'kull każ huma mill-anqas 75% ta' l-użu mill-ġdid/irkupru u 70% ta' l-użu mill-ġdid/riċiklaġġ. Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja u r-Renju Unit irrapportaw li l-miżura li tintroduċi dawn ir-rati aktar baxxi ġiet notifikata lill-Kummissjoni, u f'xi każijiet anke lill-Istati Membri l-oħra. Spanja, il-Greċja u Malta għadhom ma bagħtux in-notifika uffiċċjali.

Peress li l-obbligu tar-rapportar dwar il-miri jibda jgħodd min-nofs l-2008, bid-dejta għas-sena 2006, l-informazzjoni disponibbli dwar il-miri milħuqa qabel l-2006 hija limitata. Minn fost il-pajjiżi li rrapportaw, fl-2004, erba' Stati Membri laħqu l-mira ta' riċiklaġġ ta' 80% (il-Belġju, id-Danimarka, l-Olanda u l-Iżvezja) u tlieta laħqu l-mira ta' rkupru ta' 85% (id-Danimarka, l-Olanda u l-Iżvezja). Fl-2004, l-Awstrija, l-Ġermanja u r-Renju Unit ukoll qorbu lejn il-mira ta' riċiklaġġ ta' 85%.

L-Istati Membri kollha adottaw miżuri li jikkonċernaw l-użu ta' **standards ta' kodifikazzjoni tal-komponenti u materjali** li jikkorrispondu ma' dawk tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/138/KE[5], u obbligaw lill-manifatturi tal-vetturi li jipprovdu **informazzjoni dwar il-ħatt** għal kull tip ġdid ta' vettura li titqiegħed għall-bejgħ fis-suq. Il-Belġju, Ċipru, il-Ġermanja, id-Danimarka, Spanja, il-Finlandja, Franza, l-Ungerija, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja u l-Iżvezja semmew l-użu tas-**sistema IDIS** (*International Dismantling Information System*) biex tiffaċilita l-ħatt u l-użu mill-ġdid ta' parts tal-vetturi. Fl-Istati Membri kollha, hemm dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-ħatt, il-ħażna u l-ittestjar ta' komponenti li jistgħu jerġgħu jintużaw. Ħafna mill-Istati Membri jobbligaw lill-produtturi tal-vetturi biex jippubblikaw informazzjoni dwar id-disinn tal-vettura, trattament li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, il-prevenzjoni tal-produzzjoni ta' l-iskart u żieda fir-riċiklaġġ u rkupru.

[5] ĠU L 53, 28.2.2003, p. 58.

Peress li parti mill-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva għandha tingħata skond ma tkun disponibbli u b'kunsiderazzjoni għall-ħtieġa ta' ħarsien tal-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, mhux l-Istati Membri kollha għaddew din l-informazzjoni lill-Kummissjoni.

F'ħafna mill-Istati Membri, ma ttieħdux **miżuri ta' prevenzjoni ġodda** għajr għal dawk meħtieġa mid-Direttiva. Il-Ġermanja, l-Olanda u l-Iżvezja rrapportaw għadd ta' inizjattivi adottati mill-industrija tal-vetturi sabiex jillimitaw l-użu ta' sustanzi perikolużi u jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid, l-irkupru u r-riċiklaġġ tal-vetturi. Fir-rigward ta' tibdil fid-disinn ta' karozzi bl-għan li jiġu integrati aktar materjali riċiklati fil-vetturi, kienu l-ftit Stati Membri li għandhom industrija nazzjonali tal-manifattura ta' vetturi (il-Ġermanja, Franza u l-Iżvezja) li adottaw dawn il-miżuri. Il-Polonja u Franza indikaw li l-akbar ostakolu għal aktar progress fir-rigward ta' l-użu ta' polimeri riċiklati huwa d-disponibbiltà ta' materjali sekondarji li jkollhom il-proprjetajiet meħtieġa u bi prezz kompetittiv; li jikkonferma l-ħtieġa li jittejbu s-swieq ta' materjali riċiklati fil-Komunità kollha.

Żewġ Stati Membri biss (l-Iżvezja u l-Litwanja) irrapportaw **vetturi b'valur tas-suq negattiv** minħabba l-prezz għoli tal-metall. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-aħħar proprjetarju tal-vettura jirċievi rimbors finanzjarju għall-vettura li ma għadhiex tintuża.

Kważi ebda Stat Membru ma rrapporta **tibdil** fl-**istrutturi ta' ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw** tiegħu, jew li kien hemm xi **distorsjoni fil-kompetizzjoni**; b'ħafna pajjiżi jirrapportaw tnaqqis fin-numru ta' faċilitajiet ta' trattament awtorizzati b'konsegwenza ta' rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni aktar stretti.

3. KONKLUŻJONIJIET

Kollox ma' kollox, għalkemm sar progress sinifikanti f'diversi Stati Membri biex id-Direttiva tiġi trasposta, l-implimentazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni ma' tistax titqies bħala sodisfaċenti għal kollox; kif ġie ppruvat minn għadd ta' proċeduri ta' ksur li jikkonċernaw dan il-fluss ta' skart. F'xi Stati Membri, għalkemm id-Direttiva giet trasposta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali kważi b'mod letterali, jista' jkun li s-sistemi ta' ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw għadhom ma bdewx jaħdmu għal kollox. In-nuqqasijiet fil-funzjonament effikaċi tas-sistemi ta' ġestjoni ta' l-iskart spiss jirriżultaw min-nuqqas ta' infurzar aktar milli minħabba traspożizzjoni mhux kompleta tal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Din il-kwistjoni teħtieġ attenzjoni speċjali u aktar monitoraġġ, kemm fuq livell Komunitarju kif ukoll fuq dak nazzjonali. Għaldaqstant, huwa importanti li jiġu intensifikati l-isforzi ta' implimentazzjoni u infurzar f'ċerti Stati Membri. Il-Kummissjoni ser tkompli tagħmel kontrolli tal-konformità u tiltaqa' regolarment ma' l-Istati Membri sabiex tindirizza xi nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja.